

# Charter dwar id-Drittijiet, il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelid

2007

Moviment Malti dwar id-Drittijiet, il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelid

Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa - Malta



**L-Eċċellenza tiegħu Il-President ta' Malta**
**Dr. Edward Fenech Adami**

Tidher stramba li fi żmien meta d-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem huma, tista' tgħid, universalment rikonoxxuti, tinħass il-ħtieġa ta' "Charter dwar id-Drittijiet, il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelid". Iżda l-ħtieġa hija reali.

Id-drittijiet tat-tarbija mit-tnisssil sat-twelid huma mhedda serjament minn żewg atteġġjamenti. L-ewwelnett hemm min isostni li persuna umana, biex titqies hekk, u għalhekk biex ikolla d-drittijiet tagħha, trid l-ewwel takkwista xi miżura ta' ħajja awtonoma. It-tieninett hemm min isostni li l-omm għandha d-dritt li ttem t-tqala bħal li kieku din hija xi aggressjoni fuq l-omm.

Hemm ħtieġa, għalhekk, li jitneħħa kull ekwivoku: it-tarbija għandha d-drittijiet tagħha mill-mument tat-tnissil għaliex minn dak il-mument jibda l-process li jekk jitħalla miexi jwassal għat-twelid. Dawn id-drittijiet huma ekwivalenti għal dawk ta' kull persuna umana.

Huwa tajjeb li numru ta' organiżżazzjoniet volontarji gew flimkien u fasslu dan ic-Charter li bih qegħdin iwegħdu li flimkien u ndividwalment jagħmlu dak kollu possibbli biex jitwettqu l-ghanijiet tac-Charter.

Nawgura suċċess lil dawn l-organiżżazzjonijiet fil-ħidma tagħhom.



**Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Intern**
**Dr. Tonio Borg**

Dan ic-Charter hu ġabra ta' drittijiet favur it-tarbija mit-tnissil sat-twelid. Hu wkoll ġabra ta' obbligi għal min qiegħed f'pożizzjoni ta' responsabbilita' lejn it-tarbija mhux mwielda.

Kuntrarjament għal dak li jipprovaw jgħidu xi wħud, il-ħarsien tal-ħajja qabel it-twelid ma hiex kwestjoni purament religjuża; qisu trid tappartjeni għal xi reliġjon biex temmen fid-dinjita' tal-ħajja qabel it-twelid. Huwa veru li t-twemmin religjuż iwasslek għal konvinzjoni aktar soda dwar ir-rispett lejn il-ħajja sa mit-tnissil tagħha. Iżda hija inġusta l-asserzjoni li min iħares il-ħajja qabel it-twelid, u jixtieq li dan jigi garantit fil-Kostituzzjoni ta' Malta, qed jadotta linja "fundamentalista".

Anki min ma jħaddan l-ebda reliġjon partikolari jista' jasal għall-konklużjoni illi għandna nadottaw kull mezz sabiex inħarsu il-ħajja u l-ġid tat-tarbija mhux mwielda.

Jagħmel sew li c-Charter jisħaq fuq l-ogħla livelli ta' saħħa għall-kura tat-trabi mhux mwielda, u li jkun hemm servizzi effiċjenti ta' edukazzjoni dwar il-valur tal-ħajja qabel it-twelid. Għax x'jiswa li nipproklamaw it-twemmin tagħna favur il-ħajja sa mill-bidu nett, jekk ma noħolqux il-mezzi tajbin sabiex dik il-ħajja tingħata l-aħjar kura mit-tnissil sat-twelid? Ic-Charter jisħaq, għalhekk, fuq il-prevenzjoni ta' ħsara lit-tarbija mhux mwielda, bħal konsum eċċessiv ta' alkoħol u tipjip waqt it-tqala; kif ukoll id-dmir ta' min iħaddem li jara li l-impjegati nisa tqal ma' jagħmlux xogħol li jista' jagħmel ħsara lit-tarbija, u li jaħdmu f'ambjent tajjeb għalihom.

J'Alla din il-Karta ta' Drittijiet tkun aktar minn dokument; hemm bżonn li tkun boxxla morali għall-aġir tal-persuni kollha li għandhom responsabbilita fil-konfront tat-tarbija mhux mwielda.



**The Minister for the Family and Social Solidarity**
**Ms. Dolores Cristina**

Aħna nemmnu bis-sħiħ li t-tfal, irrespettivament mill-istadju ta' żvilupp li qegħdin fih, huma s-sinsla tas-socjeta' tagħna. Għaldaqstant, it-tfal dejjem huma il-konsiderazzjoni principali ta' kull liġi, policy u servizz li joriġinaw mill-Ministeru tiegħi. B'sodisfazzjon ninnota li din l-importanza li l-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali jagħti lit-tfal tgawdi l-appoġġ tas-soċjeta' inġenerali. Dan iċ-Charter huwa konferma ta' dan.

Id-drittijiet tat-tfal, inkluż ta' dawk mhux imwielda, huma evidenti f'diversi liġijiet li għaddew riċentement mill-Parlament Malti. Il-Liġi li waqqfet l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal titkellem fuq l-importanza li jiġu garantiti l-aħjar servizzi possibli kemm lill-omm waqt it-tqala, kif ukoll lit-tarbija "kemm qabel u wkoll wara t-twelid". Il-Liġi dwar il-Vjolenza Domestika tipprovdi protezzjoni lit-tarbija fil-ġuf mill-ħsara li tista' tiġi kkawżata minn inċidenti ta' vjolenza domestika. Hu wkoll ippjanat li fil-futur qarib jiġu diskussi fil-Parlament emendi għall-Liġi li tirregola l-addozzjonijiet u liġi ġdida dwar il-Fostering. Dan kollu qed isir biex il-ligijiet tagħna jiġu aġġornati skond il-ħtiġijiet attwali tat-tfal tagħna.

Bħala membru tal-Unjoni Ewropea, pajjiżna huwa wkoll membru attiv f'diversi fora li jiffokaw fuq id-drittijiet tat-tfal u li uliedna jiġu pprovduti b'servizzi aħjar. L-aġenzija APPOĠĠ illum stabiliet ruħha bħala l-aġenzija ewlenija li tipprovdi servizzi għat-tfal tagħna, speċjalment dawk li huma l-aktar dgħajjfa. Dan kollu jikkonferma l-impenn tal-Gvern li jipprovdi protezzjoni xierqa lit-tfal kollha - kemm dawk imwielda u kemm dawk m'humiex.

Il-protezzjoni u l-appoġġ lit-tfal mhux imwielda jiġi msarraf prinċipalment fi provediment ta' strutturi u servizzi favur l-omm matul it-tqala tagħha. Filwaqt li l-maġġoranza ta' l-ommijiet jirċievu s-sostenn meħtieg mill-familji tagħhom, oħrajn jigu bżonn għejjun oħra ta' sostenn. Dawn jinkludu l-aġenziji tal-Gvern, għaqdiet volontarji u l-kommunita' fejn igħixu. Il-missirijiet wkoll għandhom rwol kruċjali x'jaqdu fl-iżvilupp sħiħ ta' wliedhom u allura għandna nirrikonoxxu dan ir-rwol u nħeġġu l-missirijiet biex jagħrfu aħjar din ir-responsabbilta' tagħhom.

Fl-aħħarnett, nixtieq nifraħ lill-għaqdiet kollha li ssieħbu flimkien biex ġie ppublikat dan iċ-Charter. Nawgura minn qalbi li din l-inizjattiva tkun ħolqa oħra f'katina ta' policies u servizzi li jipprovdu xibka b'saħħitha ta' ħarsien aħjar għat-tfal tagħna. Il-Ministeru tiegħi hu kommess li jaħdem mill-qrib ma' dawk kollha li għandhom il-ġid u l-aħjar interess t'uliedna għal qalbhom.

**Is-Shadow Minister għas-Solidarjeta Socjali**
**Is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca**

Fil-fehma tiegħi t-twaqqif ta' Charter li jiddefinixxi b'mod sħiħ u ħolistiku l-bżonnijiet ta' wliedna bl-għan ewlieni li mhux biss jiġu mħarsa d-drittijiet materjali tagħhom iżda wkoll biex jiġi msaħħaħ ir-rispett u d-dinjita' li s-soċjeta' Maltija għandha d-dmir li tagħtihom, hija inizjattiva mill-aktar siewja, u għandha tkun apprezzata minn dawk kollha li għalihom il-ħajja umana hija imprezzabbli.

Din l-istqarrija iffokata u appoġġjata minn tant organiżżazzjonijiet mhux governattivi tirrifletti sens ta' proattivita' min-naħa tas-soċjeta' ċivili f'pajjiżna. Fuq kollox qed tagħti lok biex tirrijafferma il-valuri tal-maġġoranza assoluta tal-Maltin dwar il-ħajja.

Dan iċ-Charter jagħti wkoll tweġiba għal dawk l-stqarrijiet li llum qed nisimgħu minn uħud fostna fejn it-tifsira tal-ħajja qed jagħtuha konnotazzjonijiet ġodda u li qed jittantaw ibiddlu l-ispirtu u l-kultura Maltija dwar s-sens qawwi ta' imħabba li tradizzjonalment dejjem ħaddanna lejn uliedna mit-tnissel sat-twieled u wara.

Il-formolazzjoni ta' dan ic-Charter, għalhekk, ġie f'ħin mill-aktar opportun biex tkompli tissaħħaħ il-vuċi ta' dawk kollha li qed jaraw theddida ġdida għall-valuri għeżież għall-poplu Malti.



**Il-Kummissarju għat-Tfal**
**Is-Sinjura Sonja Camilleri**

Iċ-Charter illi għandna f'idejna llum huwa xhieda tal-ħidma intensiva illi daħal għaliha l-Moviment għall-Ħarsien tat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelid.

Il-Core Group ta' dan il-Moviment wera mill-ewwel li kellu l-idejat ċari dwar dak li kellu jagħmel għat-tarbija qabel it-twelid. Il-Grupp, flimkien ma' l-għaqdiet membri, għażel li jaħdem għad-Drittijiet, għall-Protezzjoni u għall-Iżvilupp tat-Tarbija fil-Ġuf.

Fi żmien sentejn saru ħames konferenzi fuq skala nazzjonali, diversi programmi fuq il-mezzi tax-xandir, tqassam tagħrif fuq is-suġġett, inkiteb dan iċ-Charter; u fuq livell leġislattiv, ġiet aċċettata l-proposta tal-Moviment biex it-tarbija fil-ġuf tiġi msemmija u protetta fil-liġi l-ġdida tal-Vjolenza Domestika.

Wieħed jista' jistaqsi: Hemm bżonn dan kollu? Iva hemm bżonn. Fid-dinja mgħaġġla tal-lum id-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli faċli jintesew, aħseb u ara d-drittijiet ta' dawk it-trabi li la narawhom u lanqas nisimgħuhom.

Iċ-Charter huwa wkoll pro-attiv filli jħares mhux biss lejn il-protezzjoni imma wkoll lejn l-iżvilupp sħiħ u san tat-tarbija fil-ġuf. Hawnhekk għad għandna ħafna x'nitgħallmu bħala poplu.

Nawgura li ċ-Charter ikollu l-effett meħtieġ, sabiex f'kull qasam mill-familji sa fuq il-mezzi tax-xandir, jikber dejjem aktar ir-rispett lejn l-iżgħar fost it-tfal tagħna.

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**Direttorat Ġenerali, ĠUSTIZZJA, LIBERTA U SIGURTA**

**Direttorat C: Ġustizzja Ċivil, Drittijiet, u Ċittadinanza**
**Unita 4 : Sapport Finanzjarju għall-Ġustizzja, Drittijiet, u Ċittadinanza.**

Brussel, 23 ta' Ġunju, 2006

JLS/C/4/PT/MV/D/(2006)7639

Is-Sur Tony Mifsud,
Koordinatur,
Moviment Malti għad-Drittijiet,
il-Protezzjoni u l-Iżvilupp
tat-Tarbija li se Titwieled

Via e-mail:
sas@socialassistance.org

Għażiż Sinjur,

L-ittra tiegħek tad-19 ta' Mejju, dwar iċ-Charter dwar id-Drittijiet, il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tat-Tarbija li se Titwieled fil-Gzejjer Maltin għaddiet għandi mingħand il-Viċi President is-Sur Frattini, u rċeviet l-attenzjoni kollha tiegħi.

Bħal ma taf int, il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal hija wieħed mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni. Infatti il-Kummissjoni, bħalissa, qeda tlesti komunikat dwar din il-materja, li ma' jdumx ma' jiġi addottat.

Nixtieq nirringrazzjak għall-interess li urejtu fl-attivitajiet tagħna f'dan il-qasam u fl-istess ħin nassigurak li l-kontribuzzjoni tal-Moviment dwar it -Tarbija li se Titwieled se tkun mogħtija l-attenzjoni kollha mistħoqqa. Se nibgħat ukoll id-dokumentazzjoni li bgħattli lid-Direttur Ġenerali dwar is-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, għaliex xi wħud mis-suġġerimenti li għamiltulna għandhom x'jaqsmu mas-saħħa pubblika.

Tiegħek dejjem,

**Patrick Trousson**,
Deputat Kap ta' l-Unita

Kopja lil: Ms Isabelle Benoliet ( Direttur Ġenerali SANCO)



## Il-Moviment dwar id-Drittijiet, il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelid - 2006

**Bil-kollaborazzjoni tal-**

Ministeru tal-Ġustizzja u l-Affarijet Lokali
Ministeru għall-Familja u Solidarjeta Soċjali
Kummissarju għat-Tfal

# Charter* dwar id-Drittijiet, il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelid

### Ħajja ta' Kwalita għat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelid fil-Gżejjer Maltin u 'l hinn minnhom.

1. L-għan ewlieni taċ-Charter hu li l-għaqdiet u l-istituzzjonijiet li jiffurmaw parti mill-Moviment, u anki oħrajn barra minnhu, jippromwovu, bil-meżżi tagħhom, d-drittijiet, il-protezzjoni u l-iżvilupp sħiħ tat-trabi kollha li jkunu se jitwieldu, kull sena, fil-Gzejjer Maltin.

2. Għanijiet oħra huma li jikber l-għarfien, speċjalment f'Malta u Għawdex,

    1. tal-privileġġ uniku li għandhom il-ġenituri, bħala sħab indaqs, fil-ħolqien tat-tarbija.

    2. ta' l-opportunita speċjali li għandhom il-ġenituri li jgħinu lit-tarbija tiżviluppa, mat-tnissil, il-potenzjal kollu, u l-personalita, tagħha;

    3. tar-responsabbilta kbira tal-ġenituri, u ta' l-aġenti politiċi, mediċi, legali, soċjali, industrijali u oħrajn, li jipproteġu lit-tarbija minn kull ħsara.. fizika, mentali w emozzjonali..mit-tnissil sat-twelid taġħha.

3. Għax hekk jixirqilha kull persuna umana, mill-mument tat-tnissil tagħha fil-ġuf ta' l-omm, jew barra minnhu, sat-twelid, u wara.

* Bl-għajnuna siewja tal-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Trib. Eccl. Melit, u ta' Dr. Christopher Soler LL.D., Malta Association for Human Rights.

4. Għal dawn l-għanijiet iċ-Charter irid iħajjar lill-Għaqdiet Membri affiljati fil-Moviment (ara l-lista tagħhom), u mhux lilhom biss, biex jimpenjaw lill-għaqdiet rispettivi tagħhom, u anki lill-individwi membri fihom, biex jidħlu għall-impenn sħiħ, waħedhom jew ma' oħrajn, biex jippromwovu u jġibu 'l quddiem, bil-mezzi tagħhom, l-interessi kollha tal-madwar 4000 tarbija li, kull sena, jkunu se jitwieldu fil-Gżejjer Maltin.

5. Il-Moviment jemmen, b'umilta, li din l-inizjattiva jixirqilha, u tista tinfirex, lil hinn mix-xtut Maltin u Għawdxin, fost soċjetajiet, kulturi, reliġjonijiet, u ċivilitajiet diversi. It-tarbija li tkun se titwieled ma' tafx fruntieri, u d-dinjita tagħha hi apprezzata kullimkien. Id-dinjita tal-persuna umana, mit-tnissil, hekk jixirqilha, dejjem u kullimkien.

6. Il-poplu Malti qed juri, ripetutament, permezz ta' stħarriġ soċjali minn żmien għal żmien, u permezz ta' dikjarazzjonijiet uffiċċjali mill-Parlament Malti u mill-awtoritajiet u s-soċjeta ċivili, li jgħożż ħafna il-valur tal-ħajja umana mill-mument tat-tnissil tagħha u li jqis lilu nnifsu protagonist, fix-xena lokali, ewropeja u mondajli, fil-protezzjoni tal-ħajja umana, u fil-promozzjoni tal-ħarsien sħiħ tat-tarbija li tkun se titwieled.

## Il-Core Group tal-Moviment

**Gino Axisa, Tony Mifsud**
Segretarjat Assistenza Soċjali, Azzjoni Kattolika
Tel: 2122 0286, 7920 4840, email: sas@socialassistance.org, sanateck@waldonet.net.mt
tonymifsud@onvol.net

**Maryanne Massa**
Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa
Tel: 2326 6113, email: maryanne.massa@gov.mt

**Nathalie Zammit, Mary Said Buttigieg**
Malta Midwives Association
Tel: 2123 3370, email: nathalie.zammit@gov.mt, mary.said-buttigieg@gov.mt

**Il-Moviment dwar id-Drittijiet, il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelid - 2006**

**Bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja u Affarijet Lokali, tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta Soċjali u l-Kummissarju għat-Tfal**

## Organiżżazzjonijiet fil-Moviment

01. Segretarjat Assistenza Soċjali - Azzjoni Kattolika
02. Moviment ta' Kana
03. Kunsill Studenti Universitarji
04. Kunsill Lokali St. Venera
05. Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa
06. Dar "Ġużeppa Debono" (għal tfajliet mhux miżżewġa)
07. Fondazzjoni dwar Servizzi ta' Ħarsien Soċjali
08. Taqsima - Żvilupp Personali u Soċjali-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni
09. "Għożża" - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (għal tfajliet mhux miżżewġa)
10. Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
11. Assoċjazzjoni Studenti tal-Medicina, Universita ta' Malta
12. Malta Union of Midwives and Nurses
13. Malta Union of Teachers
14. Kunsill Nazzjonali tan-Nisa
15. Union Ħaddiema Magħqudin
16. General Workers Union
17. Caritas Malta
18. Kulleġġ tal-Kappillani - Malta
19. Kummissjoni Nazzjonali dwar Ugwaljanza bejn Nisa u Rgiel
20. Kummissjoni Djoċesana Familja
21. Discern - Istitut ta' Ricerka
22. Partit Nazzjonalista
23. Partit Laburista
24 Alternattiva Demokratika
25 Kulleġġ tal-Kappillani - Għawdex
26. Sezzjoni Żgħażagħ- Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol
27. Forum ta' l-Għaqdiet u Movimenti tal-Lajċi
28. Kummissjoni Nazzjonali Familja
29. Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Disabilita
30. Kunsill Malti tal-Persuni b'Disabilita
31. Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ
32. Malta Union of Professional Psychologists
33. Assoċjazzjoni tal-Psikoloġi Maltin
34. Assoċjazzjoni tas-Social Workers Maltin
35. Malta Midwives Association
36. Gift of Life
37. Uffiċċju Centrali "Ejjew Għandi" (Djar tat-Tfal)
38. In the Family Way - School of Pregnancy, Childbirth & Beyond
39. Malta Association for Human Rights
40. Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ
41. Fondazzjoni Arka - Għawdex
42. Couples for Christ

# Charter
## dwar
## id-Drittijiet, il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelid

**Ħajja ta' Kwalita' għat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelied**

**Ic-Charter huwa ispirat mill-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, addottata u miftuħa għall-firma, ratifika u dħul mill-Assemblea Ġenerali tal-Gnus Magħquda, riżoluzzjoni 44/25 ta' l-20 ta' Novembru, 1989 u mdaħħla fis-seħħ fit-2 ta' Settembru, 1990, skond l-artiklu 49.**

**(ara: Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal - Publikazzjoni Seminar on Child Care - Dipartiment għall-Ħarsien tal-Familja, Malta, 20 ta' Novembru,1998 - p.138 - 185)**

**L-Ghaqdiet Partijiet, f'Malta u Għawdex, fil-Moviment għad-Drittijiet, il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelid, mwaqqaf matul is-sena 2004, waqt li:**

1. Jqisu illi, skond il-prinċipji dikjarati fiċ-Charter tal-Gnus Magħquda, l-għarfien tad-dinjita inerenti u tad-drittijiiet indaqs u inaljenabbli tal-membri tal-familja umana huma is-sisien tal-liberta, ġustizzja u sliem fid-dinja,

2. Iżommu f'moħħhom illi l-popli tal-Gnus Magħquda fic-Charter isostnu l-fiduċja tagħhom fid-drittijiet fundamentali tal-bniedem u fid-dinjita u l-valur tal-persuna umana, u jaqblu li jġibu l-quddiem il-progress soċjali u livelli ta' ħajja aħjar f'aktar liberta',

3. Jagħfru illi l-Ġnus Magħquda, fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, iddikjarat u qablet illi kulħadd huwa intitolat għad-drittijiet kollha u l-libertajiet kif hemmhekk imsemmiija, mingħajr ebda distinzjoni minħabba razza, lewn, sess, ilsien, twemmin, fehma politika jew opinjonijiet oħra, nazzjonalita jew klassi soċjali, proprejta, twelid jew stat ieħor,

4. Jiftakru illi fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Ġnus Magħquda iddikjarat illi t-tfulija jistħoqqilha ħarsien u għajnuna specjali,

5. Iżommu f'moħħhom illi l-ħtieġa li jinfirex il-ħarsien speċjali tat-tfal kienet issemmiet fid-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal ta' Ġinevra ta' l-1924 u fid-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, kif milqugħa mill-Assemblea Ġenerali fl-20 ta' Novembru, 1959, u kif hija magħrufa fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

6. Iżommu f'moħħhom illi, kif hemm imsemmi fid-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, it-tfal "minħabba l-immaturita fiżika u mentali tagħhom, jenħtieġilhom ħarsien u kura speċjali, fosthom protezzjoni legali xierqa, kemm qabel kemm wara it-twelid".

7. Jagħrfu illi fil-pajjiżi kollha tad-dinja hemm tfal li qed jgħxu f'kundizzjonijiet tassew diffiċli, li dawn it-tfal jenħtieġu attenzjoni speċjali, u li għandha tingħata importanza lit-tradizzjonijiet u l-valuri kulturali ta' kull poplu għall-protezzjoni u l-iżvilupp sħiħ tat-tfal,

8. Jagħrfu li kull tarbija li titnissel, fil-ġuf ta' l-omm jew barra minnu, hi bla vuċi u ma' tistax tiddefendi lilha nnifisha.

9. Jagħrfu, wkoll mir-riċerka, illi l-ġuf ta' l-omm huwa l-ewwel ambjent għat-tarbija u li l-personalita u l-predispożżizzjonijiet tal-karattru tagħha jkunu ffurmati, tajjeb jew le, daqskemm l-omm tħobb u taċċetta t-tarbija fil-ġuf tagħha, u li dan jagħmel differenza deċisiva f'dak kollu li t-tarbija fil-ġuf ta' omm tħoss, tittama, toħlom, taħseb u, wara, jirnexxilha tagħmel matul ħajjitha kollha,

10. Jqisu li kull persuna umana, mill-mument tat-tnissil tagħha, jixirqilha kull rispett għad-dinjita tagħha, il-protezzjoni kollha, u l-għajnuna kollha meħtieġa biex tiżviluppa l-potenzjal kollu, u l-personalita tagħha,

11. Huma konvinti illi l-familja, bħala l-grupp fundamentali tas-soċjeta u l-ambjent naturali għat-trawwim u l-ġid tal-membri kollha taġħha, u partikolarment it-tfal, għandha tingħata l-ħarsien u l-għajnuna meħtieġa biex tkun tista taqdi r-responsabilta tagħha fil-komunita',

12. Jagħrfu illi t-tfal, għall-iżvilupp sħieħ u tajjeb tal-personalita tagħhom, għandhom jitrabbew fi ħdan il-familja, f'ambjent ta' hena, mħabba u ftehim,

13. Jafu bil-privileġġ uniku li għandhom il-ġenituri, bħala sħab indaqs, fil-ħolqien tat-tarbija fil-ġuf ta' l-omm, u li għandhom ukoll opportunita speċjali li jgħinu lit-tarbija tiżviluppa, mill-mument tat-tnissil, il-potenzjal kollu u l-personalita tagħha,

14. Jiftakru fir-responsabilita kbira tal-ġenituri, ta' l-omm u tal-missier, u ta' l-aġenti politiċi, mediċi, legali, soċjali, industrijali u oħrajn li jipproteġu lit-tarbija li tkun se titwieled minn kull ħsara fiżika, mentali w emozzjonali mit-tnissil sat-twelid.

15. Jagħrfu, mir-riċerka, illi l-konsum tax-xorb alkoħoliku, id-drogi u s-sigaretti mill-ġenituri u s-sustanzi tossiċi li jkunu esposti għalihom il-ġenituri, speċjalment fuq il-postijiet tax-xogħol, jagħmlu ħsara kbira fiżika, mentali w emozzjonali lit-tarbija li tkun se titwieled għal għomorha kollu, u jagħmlu ħsara wkoll lill-omm, qabel u waqt it-tqala.

16. Jagħrfu l-importanza tal-koperazzjoni internazzjonali biex jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien tat-tfal f'kull pajjiż, l-aktar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

17. Jagħrfu l-pass għaqli ħafna tal-Parlament Malti illi fil-Liġi ta' Lulju, 2003 dwar it-twaqqif tal-Kummissarju għat-Tfal irrikonoxxa id-drittijiet tat-tarbija qabel it-twelid billi stabilixxa bħala waħda mill-funzjonijiet tal-Kummissarju dik espressa fi klawsola 9.h. tal-liġi illi dan għandu "jippromowvi l-ogħla standards ta' servizzi ta' saħħa u servizzi soċjali għan-nisa waqt it-tqala tagħhom, u li jippromwovi l-ħarsien u l-protezzjoni speċjali, inkluża l-protezzjoni legali xierqa, għat-tfal kemm qabel kif wkoll wara it-twelid",

18. Jqisu s-sejħa mqanqla tal-Ministru għall-Familja u s-Solidarjeta Soċjali f'Malta, fi Frar, 2004 u wara, għall-kampanja ta' promozzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa ta' l-ommijiet waqt it-tqala u l-ħarsien u l-protezzjoni, inkluza dik legali, għat-tfal qabel it-twelid.

19. Jqisu d-dikjarazzjoni miktuba tal-Kummissarju Malti għat-Tfal, fl-4 ta' Ġunju, 2004, illi " .. Il-Kummissarju għat-Tfal jisħaq fuq l-importanza li t-tarbija li tkun se titwieled għandha dritt għal kwalita ta' ħajja tajba",

20. Jinnotaw il-pożizzjoni pubbblika, posittiva ħafna, dwar il-ħajja umana mill-mument tat-tnissil tagħha kif espressa mit-tlett partiti politiċi Maltin u l-għaqdiet ewlenin tal-ħaddiema Maltin.

21. Jinnotaw l-impenn dikjarat tas-soċjeta ċivili f'Malta għall-ħarsien tat-tarbija li tkun se titwieled kif dikjarat fil-Konferenzi Nazzjonali dwar id-Drittijiet, il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tat-Tarbija li Tkun se Titwieled ta' l-4 ta' Ġunju, 2004, it-3 ta' Diċembru, 2004, l-4 ta' Frar, 2005, is-6 ta' Mejju, 2005, u t-30 t' Marzu, 2006, miżmumin f'Malta mill-Moviment għall-Ħarsien tat-Tarbija Mit-Tnissil sat-Twelid, jew organiżżazzjonijiet affiljati fil-Moviment.

22. Jafu bis-sentenzi mogħtijin fil-Qrati Ċivili f'Malta fl-aħħar snin dwar kwistjonijiet ta' wirt bejn tfal leġittimi u dawk illeġittimi u dwar il-protezzjoni tal-ħajja umana qabel it-twelid.

**Ftehmu kif ser jingħad.**



## L-Aħjar Interessi tat-Tfal

**Artiklu 1**

Għall-finijiet ta' dan iċ-Charter "tfal" u "tarbija" tfisser il-persuna umana mit-tnissil sat-twelid.

**Artiklu 2**

F'dak kollu li jsir dwar it-tfal fil-Gzejjer Maltin "l-aħħar interessi tat-tfal" għandu jkun il-ħsieb ewlieni, għax hekk jixirqilha id-dinjita ta' kull persuna umana.

**Artiklu 3**

Għaqdiet Partijiet fil-Moviment għall-Ħarsien tat-Tarbija li Tkun se Titwieled jmexxu 'l quddiem fis-Soċjeta Maltija, u lil hinn minnha, il-fehma li t-trobbija tajba tat-tfal tibda mill-mument tat-tnissil, u anki qabel, bil-preparazzjoni tajba għat-tqala miż-żewg ġenituri.

**Artiklu 4**

Għaqdiet Partijiet, flimkien jew separatament, jimpenjaw lill-għaqda tagħhom, u lill-membri tagħhom biex, bi dritt, it-trabi kollha li jitnisslu u jkunu se jitwieldu kull sena, ikollhom kwalita ta' ħajja tajba matul iz-zmien kollu mit-tnissil sat-twelid.

## Drittijiet lit-Tfal mat-Tnissil

**Artiklu 5**

Għaqdiet Partijiet filwaqt li jinnotaw li fid-Dikjarazzjoniiet dwar id-Drittijiet Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Gnus Magħquda iddikjarat u qablet illi kulħadd hu intitolat għad-drittijiet kollha u l-libertajiet kif hemmhekk imsemmija, "mingħajr ebda distinzjoni minħabba razza, lewn, sess, ilsien, twemmin, fehma politika jew opinjonijiet oħra, nazzjonalita jew klassi soċjali, proprejta, twelid jew stat ieħor" iqiesu li 'stat ieħor' jinkludi ż-żmien kollu mit-tnissil tat-tarbija sat-twelid tagħha u għalhekk din hi intitolata għad-drittijiet kollha u l-libertajiet kif hemmhekk imsemmija.

## Id-Dinjita tar-Raġel u tal-Mara

**Artiklu 6**

Għaqdiet Partijiet, flimkien u/jew separatament, jaħdmu biex jippromwovu, bil-mezzi kollha possibbli, id-dinjita tar-raġel u tal-mara li permezz tagħhom titnissel u tiżviluppa il-ħajja umana bil-potenzjal kollu tagħha.

Tagħhom hu l-privileġġ li jgħaqqdu l-imħabba ta' omm u missier it-tarbija għal xulxin li twassal għall-imħabba tagħhom għat-tarbija li tkun se titwieled.

L-Imħabba hija, u għandha tkun, il-pedament ta' kull relazzjoni umana.

## Ir-Rwol tal-Ġenituri

**Artiklu 7**

Għaqdiet Partijiet jagħmlu li jistgħu biex jingħata għarfien lill-prinċipju li ż-żewġ ġenituri, l-aħjar fil-familja fi spirtu ta' ħena, mħabba bejniethom u ftehim, għandhom responsabilitajiet indaqs fit-tnissil, il-protezzjoni, il-kura u l-iżvilupp sħiħ tat-tarbija li tkun se titwieled. L-aħjar interess tat-tarbija għandu jkun il-ħsieb ewlieni tagħhom. Għal dan il-għan iż-żewġ ġenituri, fiċ-ċirkostanzi kollha tal-ħajja tagħhom, għandhom:

a) jaddottaw l-aħjar dispożżizzjonijiet posittivi ta' għożża, imħabba u aċċettazzjoni tat-tarbija;

b) joqgħodu lura mill-konsum ta' l-alkohol, it-tipjip tas-sigaretti u t-teħid ta' drogi kemm qabel u waqt it-tqala.

Għax dan jaġħmel differenza deċisiva f'dak kollu li t-tarbija li tkun se titwieled tħoss, tittama, taħseb u, wara, jirnexxilha tagħmel matul ħajjitha kollha.

## Ir-Rwol ta' l-Istat

**Artiklu 8**

Għaqdiet Partijiet jqisu li, b'komformita mal-ħsieb, posittiv ħafna, dwar il-bidu tal-ħajja umana kif rifless fid-dikjarazzjoni mill-Istat Malti fil-Protocol fuq l-Abort milħuq ma' l-Unjoni Ewropeja fl-2004, hija r-responsabilta ewlenija ta' l-Istat Malti li jieħu dawk il-miżuri kollha xierqa, inkluzi dawk leġislattivi u amministrattivi, biex jassigura illi fil-Gzejjer Maltin:

a) ikunu jeżistu l-ogħla standards ta' servizzi ta' saħħa u servizzi soċjali għan-nisa waqt it-tqala,

b) ikunu jeżistu l-ogħla standards ta' servizzi ta' edukazzjoni :

   i) fl-iskejjel kollha, statali u mhumiex, u

   ii) fuq il-mezzi kollha tax-xandir,

   dwar il-valur, il-bidu, il-protezzjoni, l-izvilupp u l-ħtiġijiet kollha tal-ħajja umana mit-tnissil sat-twelid.

c) kull tarbija li tkun se titwieled tkun imħarsa minn kull xorta ta' ħsara, fiżika, mentali w emozzjonali, minħabba l-istat, għemil, fehmiet dikjarati jew konvenzjonijiet tal-ġenituri tagħhom, jew prattiċi professjonali ta' min jagħti pariri lill-istess ġenituri, jew jgħinhom biex inisslu tarbija.

**Artiklu 9**

Biex ikunu mħarsa aħjar l-interessi tat-tarbija mit-tnissil sat-twelid għandha tingħata mill-Istat l-għajnuna kollha meħtiega lill-aġenziji statali, u mhumiex, li jaħdmu għall-ġid tat-tfal, biex dawn ikunu jistgħu jaqdu il-funzjonijiet kollha tagħhom dwar it-tarbija qabel titwieled bl-aktar mod effiċjenti u effikaċi.

## Ir-Rwol tal-Professjoni Medika

**Artiklu 10**

Għaqdiet Partijiet jirringrazzjaw ħafna u juru apprezzament kbir lill-professjoni medika għall-assistenza medika ta' valur kbir, inklużi interventi kirurġiċi ta' fejda kbira, li tat, dejjem, u qeda tagħti, kullimkien, lill-omm u lit-tarbija fil-ġuf tagħha qabel, waqt u wara it-tqala.

Jappellaw u jinkoraġġixxu wkoll lill-professjoni medika biex tassigura illi l-ħidma professjonali kollha tagħha, dejjem, kullimkien u f'kull ċirkostanza, tkun kompatibbli mar-rispett assolut li għandu jintwera lejn id-dinjita, u d-drittijiet, ta' kull ħajja umana mit-tnissil tagħha, fil-ġuf ta' l-omm jew barra minnhu, sat-twelid u wara.

## Ir-Rwol ta' l-Operaturi tal-Mezzi tax-Xandir

**Artiklu 11**

Għaqdiet Partijiet, flimkien u/jew separatament, jappellaw, u jinkoraġġixxu, lill-operaturi tal-mezzi kollha tax-xandir biex jippromwovu l-edukazzjoni dwar il-valur, il-bidu, il-protezzjoni, l-iżvilupp u l-ħtiġijiet kollha tal-ħajja umana mit-tnissil sat-twelid.

## Ir-Rwol tal-Produtturi u d-Distributuri tax-Xorb Alkoħoliku

**Artiklu 12**

Għaqdiet Partijiet se jaħdmu biex jissensibilizzaw u jikkonvinċu lill-produtturi u d-distributuri tax-xorb alkoħoliku biex jagħmlu dak kollu li jistgħu biex fl-istabilimenti tagħhom ikun hemm x'juri, b'mod li jidher sewwa, li x-xorb alkoħoliku u t-tqala ma' jmorrux flimkien.

## Ir-Rwol tal-Manifatturi tas-Sigaretti

**Artiklu 13**

Għaqdiet Partijiet jaħdmu biex jissensililizzaw lill-manufatturi tas-sigaretti biex fuq il-pakketti tas-sigaretti ikun hemm x'juri, b'mod li jidher sewwa, li t-tipjip tas-sigaretti, qabel u waqt it-tqala, jagħmel ħsara lill-missier u lill-omm u lit-tarbija li tkun se titwieled.

## Ir-Rwol tas-Sidien u l-Managers tal-Postijiet tax-Xogħol

**Artiklu 14**

Għaqdiet Partijiet jaħdmu biex jissensibilizzaw lis-sidien u l-managers tal-postijiet tax-xogħol, lill-mexxejja tat-trade unions u lill-irġiel u lin-nisa ħaddiema stess biex jaraw li l-irġiel u n-nisa ħaddiema li jkunu se jnisslu u jwelldu tarbija ma' jkunux esposti għal sustanzi tossiċi, u kimiċi oħrajn, li jistgħu jagħmlu ħsara lil dawn l-irġiel u n-nisa, u lit-tarbija tagħhom, fuq il-postijiet tax-xogħol.

## Ir-Rwol tal-Qrati Maltin

**Artiklu 15**

Għaqdiet Partijiet filwaqt li juru apprezzament għas-sentenzi dwar protezzjoni lit-tarbija li tkun se titwieled mogħtijin mill-Qrati Maltin fl-aħħar snin se jkomplu jaħdmu biex il-Qrati Maltin ikomplu jagħtu il-protezzjoni kollha meħtieġa lit-tarbija mit-tnissil sat-twelid tagħha.

## Ir-Rwol ta' l-Istituzzjonijiet Maltin dwar it-Tfal

**Artiklu 16**

Għaqdiet Partijiet jħeġġu lill-istituzzjonijiet kollha Maltin u Għawdxin li jaħdmu ġħall-ġid tat-tfal Maltin biex il-ħidma tagħhom tinfirex aktar fuq il-ħarsien tad-drittijiet, il-protezzjoni, l-iżvilupp sħiħ, u l-ħtiġijiet kollha, tan-nisa tqal u t-trabi tagħhom fil-Gżejjer Maltin.

## Ir-Rwol tal-Parlamentari Maltin

**Artiklu 17**

Għaqdiet Partijiet jappellaw lill-Membri kollha tal-Parlament Malti u lill-Membri Maltin kollha fil-Parlament Ewropew, u jinsistu magħhom, biex bħala rappreżentanti tal-poplu Malti li fil-maġġoranza kbira tiegħu jgħożż ħafna il-ħajja umana, jħarsu u jippromwovu, dejjem u kullimkien, id-dinjita u d-drittijiet tal-ħajja umana mill-mument tat-tnissil, sat-twelid u sal-mewt naturali.

## Difna Dinjituża

**Artiklu 18**

Għaqdiet Partijiet jaraw, ma' l-awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi, li tingħata "difna" dinjituża lit-trabi kollha li ħajjithom tintemmilhom b'mod naturali f'xi stadju mit-tnissil sat-twelid.

## Kollaborazzjoni Lokali u Internazzjonali

**Artiklu 19**

Għaqdiet Partijiet ifittxu aktar kollaborazzjoni bejniethom, mal-Ministeri tal-Gvern, u ma' għaqdiet, fora u istituzzjonijiet oħrajn, lokali u internazzjonali, biex ikunu miġjuba 'l quddiem l-interessi tat-tarbija, mit-tnissil sat-twelid tagħha, fil-Gżejjer Maltin u 'l hinn minnhom.

**Moviment Malti dwar id-Drittijiet, il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelid**

Dipartiment ghall-Promozzjoni tas-Sahha
5A, The Emporium,
Triq San Lwiġi, Msida MSD 05
Tel: 2326 6000, Fax: 2326 6104